**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Marzu 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 163/2018 AGV :</u>**

**AC f'isimha proprio u f'isem binTha l-minuri C F C li twieldet fis-27 ta' Dicembru 2015.**

**-vs-**

**CF**

**Il-Qorti rat ir-rikors guramentat ta' AC detentrici tal-karta tal-identita' numru 111995 (M) datat 27 ta' Gunju 2018 fejn** esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat li taf di xjenza proprio:

**Din hija kawza ghall-manteniment u kura u kustodja ghall-minuri CFC**

Illi lill-partijiet twilditilhom minuri bl-isem ta' CFC liema minuri twieldet fis-27 ta' Dicembru tas-sena 2015 u dan kif jirrizulta minn Dokument ittra 'A'.

Illi sa mit-twelid tal-minuri, l-intimat hallas manteniment ta' mija u hamsin euro (€150) kull xahar sax-xahar ta' Novembru tas-sena 2017 li certament mhijiex somma sufficjenti ghaz-zminijiet tal-lum.

Illi skond digriet datat 21 ta' Frar 2018, il-Qorti ordnat illi l-intimat jzercita access versu bintu fl-ewwel xahar *supervised*, u fit-tieni xahar *monitored* mill-Agenzija Appogg jew minn Haddiema Socjali *warranted* a spejjez provvizorjament ta' l-intimat nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt bejn l-10:00 a.m. u 12:00 p.m. jew bejn it-3:00 p.m. u l-5:00 p.m. u cahdet it-talba ghal sleep-overs, kif jirrizulta minn Dokument ittra 'B'.

Illi konsegwentement, l-intimat ma huwiex il-persuna idonea li jassumi l-kura u l-kustodja tal-minuri C.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju benjiethom u dan minhabba nuqqas ta' qbil f'dak li jirrigwarda aspetti importanti tal-minuri bhal manteniment, kura u kustodja u access, u ghalhekk ir-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghal din il-kawza u dan kif jirrizulta mill-anness digriet immarkat bhala Dokument ittra 'C'.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri CFC tigi affidata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;

2. Tiffissa granet u hinijet li fihom l-intimat ghandu jezercita access a favur il-minuri C taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fosthom taht supervizjoni jew moniteragg;

3. Tordna illi kull beneficcju socjali u / jew ghajnuna socjali li jistghu jkunu talvolta dovuti jkunu pagabbli esklussivament lir-rikorrenti;

4. Tordna lill-intimat sabiex jivversa manteniment fiss ta' €400 fix-xahar ghal bintu l-minuri u dan apparti sehmu mill-ispejjez ordinarji u straordinarji ta' sahha u edukazzjoni.

5. Tordna lill-intimat ihallas manteniment arretrat u dan b'effett mix-xahar ta' Dicembru 2017 sal-jum li fih jerga' jibda jithallas b'mod adegwat.

6. Tordna illi l-manteniment fiss jizdied kull sena bir-rata ta' wiehed fil-mija (1%) fuq is-sena precedenti mid-data tad-digriet;

7. Tordna illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat b'dan illi l-employer tal-intimat ghandu jigi ordnat jesegwixxi din l-ordni u jibghat cekk direttament lill-esponenti;

8. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika u ggedded il-passaport tal-minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-intimat.

**Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-procedura tal-medjazzjoni numru 36/2018 CB3, u bil-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-risposta tal-konvenut fejn espona bir-rispett :**

Illi preliminarjament hemm qbil illi z-zewg partijiet istitwew proceduri ta' medjazzjoni liema medjazzjoni giet ddikjarata maghluqa minn din 1-Onorabbli Qorti u dan wara li baqghu jidhlu r-rikorsi minn naha far-rikorrenti wiehed f wiehed minflok tipprova tasal waqt il-medjazzjoni.

Illi ghal kuntrarju ta' dak illi qed jigi allegat mir-rikorrenti liema alleggazzjonijiet ta pika huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, daparte tal-konvenut kien hemm qbil fl-ahhar seduta tal- medjazzjoni illi stajna nabbozzaw izda kif ir-rikorrenti semghet li mhix ser tinghata sitt mitt ewro (€600) manteniment f'idha harbtet kollox u dak li setgha wassal lil partijiet biex jaslu ghal kompromess bonarju spicca quddiem din 1-Onorabbli Qorti semplicement ghax ir-rikorrenti hasset li mill-Qorti ghandha dritt takkwista aktar flus.

Illi bid-dovut rispett kollu l-uniku problema li hemm bejn il-partijiet qatt ma kienet ta pika izda semplicement ta nuqqas ta komunikazzjoni liema nuqqas wassal lir-rikorrenti sabiex tintavola rikors sabiex il-minuri tkun tista tmur 1-iskola u dan tahti unikament ghalih hi biss stante illi qatt qabel 1-intavolar tar-rikors ma kien qatt gei nfurmat 1- esponenti fejn behsiebha tattendi skola 1-minuri, liema informazzjoni kellha tinghata immedjatament u mhux permezz ta' rikors.

Illi n-nuqqas tal-manteniment qatt ma kien gej mill-konvenut izda 1-konvenut ghadit kemm beda jahdem ma missieru u ma kellux minfejn jghaddi 1-ammont ta €600 kif dejjem talbet ir-rikorrenti waqt il-medjazzjoni.

Illi l-esponenti jiddikjara illi kien huwa li rrikonoxxa lil mlnuri wara li twieldet ghaliex ghalkemm ir-rikorrenti kienet taf li l-minuri hija tieghu ghazlet li tnizzilha fl-att tat-twelid bhala 'Father unknown', xi haga illi I-esponenti ghadu sal-gurnata tal-lum imwegggha fuqha.

Illi appena 1-minuri giet rikonoxxuta , il-missier beda jara lit-tifla ta spiss u gewwa 1- propjeta fejn joqghod. Kif daqqu t-tokki tal-ewwe1 tas-sena 2018,

ir-rikorrenti iddecidiet li tifla ma tmurx aktar mal-missier u bdiet tivvinta hafna affarijiet kontrih.

Illi din I-Onorabbli Qorti ordnat access monitorat ghal ftit taz-zmien liema access kien qieghed jigi monitorat mis-Social worker Valentina Rose Caruana li hija wkoll fi hdan 1-
Agenzija Appogg prezentat rapport dwar 1-access fl-atti tal-medjazzjoni.

Illi 1-access dejjem mar tajjeb u tifla dejjem uriet li ghandha relazzjoni tajba ma missierhaliema relazzjoni ma kelliex ghalfejn titkisser billi l-access jigi terrninat mir-rikorrenti ghalxejn b xejn.

Illi waqt l-access hareg b'mod car illi 1-missier kien jinsab ikkoncernat fuq it-tifla u kemm il-darba gibet 1-attenzzjoni tal-omm illi hemm bzonn illi jigu rrangati certu affarijiet bhal per ezempju il-gazaza m’ghandhiex tithalla mahmuga kif kien qieghed jigri u affarijiet ohra fl-interess tal-minuri, izda ghal dan 1-agir ir-rikorrenti kienet tirrabja u tibda tivvinta kulma jigiha Pmohha.

Izda r-rikorrenti dejjem pruvat tpingi lil konvenut f‘dehra kerha u ta irresponsabbilta.

Illi ta’ slkwit ir-rikorrenti kienet tiddeciedi illi thassar minn mal-konvenut imbaghad one *fine day* terga ttih 1-indikazzjoni Ii trid terga tirranga.

Illi ghaldaqstant dwar 1-ewwe1 talba il-konvenut jaqbel li ghandhu jivversa manteniment izda ta mhux aktar minn C200 fix-xahar. Dan il-manteniment ghandhu jinqata mill-kont tieghu u jigi ddepozitat gewwa I-kont kif provdut.

Illi dwar it-tieni talba hemm qbil li 1-konvenut ihallas nofs 1-ispejjez edukattivi u medici fi zmien gimghatejn minn meta tigi presentata lilu 1-ircevuta liema ricevuta appena mhallsa ghandha tigi lTirmata minnu wkoll.

Dwar it-tielet talba ma hemmx qbil stante illi r-rikorrenti qatt ma kkonsultat mal-missier qabel ma baghtet 1i1 minuri ghal attivita extra kurrikulari u ghalhekk ghandha tbati l- ispejjez wahedha.

Illi dwar kura u kustodja li ma ssemmew imkien din ghandha tibqa konguntiva.

Illi is-salarju tal-esponent huwa limitat stante illi jircievi biss I-ammont ta' sebgha mija u tlieta u erbghin ewro (C743) fix-xahar u ghaldaqstant it-talba sabiex jigi akkordat manteniment xieraq ghall-minuri ghandha tlgi kkunsidrata f'dan il-kuntest.

Illi l-esponent ma jaqbilx illi ghandhu jhallas 1-arretrati stante illi kienet ir-rikorrenti stess illi m'accettatx 1-ammont ta' mitejn ewro (C200) fix-xahar u riedet dejjem aktar.

Illi dwar il-lista tal-ispejjez illi qed tipprezenta r-rikorrenti, il-konvenut jigbed 1-attenzjoni ta' din 1-Onorabbli Qorti illi 1-hwejjeg ta' taht u hwejjeg ohra, detergents, wipes, body lotion, sunblock, hydrocortisone (tan-nemus) ma jinxtarawx kull **xahar!**

Illi fejn jidhlu dawl, ilma, internet, u TV hemm bzonn illi jigu prezentati l-ircevuti u r- rikorrenti ma hix f'pozizzjoni illi tiddeciedi kemm qed thallas f'dawn is-servizzi meta hi tghix mal-genituri taghha.

Illi dwar I-educational books u flashcards kif ukoll spejjez tal-attivitaj iet tac-Child care ma jaqawx taht manteniment izda taht spejjez edukattivi liema ammont ma ghandhux jigi nkluz fil-manteniment.

Illi fejn hemm inkluz "Hrug tat-tifla' 1-ebda Qorti qatt ma tat xi kumpens ghal hrug b'mod minghajr deskrizzjoni, minghajr ma jigu ssaportjati bl-ircevuti.

Illi dwar 1-ispejjez cellulari wiehed irid jara ghala qed isiru ghaliex kommunikazzjoni mal-konvenut sabiex jinghata lil minuri ghal access mhux isir.

Illi dwar Trasport, il-konvenut jigbed 1-attennzjoni ta' din I-Onorabbli Qorti illi hu ilu majara lil minuri il fuq minn hames xhur u ghalhekk zgur li mhux il-kas illi I-mija u ghoxrin (C120) ewro ghandhu jigu nkluzi fil-hlas tal-manteniment.

Illi r-rikorrenti ghandha fond taghha liema fond hija tikrih u ddahhal introjtu minnu kif ukoll hija ma tiirisjedix gewwa fih izda mal-genituri taghha u ghalhekk id-dikjarazzjoni illi hija tghix il-MeIlieha hija nforndata fil-fatt u fid-dritt.

Illi dawn il-proceduri ghandhom ikunu a spejjez tar-rikorrenti u dana stante illi seta facilment jintlahaq kompromess waqt is-seduti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet biex jaslu ghal ftehim bonarju kieku kien hemm ftit ta' kooperazzjoni minn naha tar-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

BI-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat id-diversi digrieti li nghataw *pendente lite* wara rikorsi miz-zewg partijiet.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-miktub taz-zewg partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta l-kura w kustodja, manteniment u access ta' tifla minuri li twieldet minn relazzjoni li kellhom bejniethom il-partijiet. L-omm qed titlob li tinghata l-kura w kustodja esklussiva ta' bintha, CFC, kif ukoll li l-missier jigi ordnat ihallas manteniment ghall-minuri flimkien ma' arretrati, u li jinghata access kif mitlub minnha. Il-missier, min-naha tieghu, jinsisti ghal kura w kustodja kongunta, jaqbel li ghandu jhallas manteniment fis-somma ta' €300 fix-

xahar, u li l-access tieghu jinkludi ‘sleepover’ fi tmiem il-gimgha. Ma jaqbilx li ghandu jhallas arretrati ta’ manteniment.

Mill-provi prodotti mill-partijiet, il-Qorti sejra tislet biss dak li, fil-fehma taghha, huwa essenzjali ghall-mertu ta’ din il-kawza. L-ewwel talba hija dwar kura w kustodja tal-minuri. L-attrici tilmenta dwar incident bejn il-konvenut u huh, li sehh fir-residenza tal-genituri tal-istess konvenut, fejn allegatament gie sparat tir minn BB-gun minn huh fid-direzzjoni tal-konvenut. Di fatti kienu l-familjari tal-konvenut stess li ghamlu rapport mal-Pulizija f’dan is-sens. Ghalhekk l-attrici tghid li ghandha tinghata l-kura w kustodja esklussiva tal-minuri, u l-access mieghu m’ghandux jinkludi ‘sleepover’. Il-konvenut ipprova jnaqqas il-gravita’ ta’ dan l-incident, izda jidher li, ghalkemm ma wegga’ hadd, l-incident innifsu kien ta’ certa portata, u seta’ jhalli konsegwenzi aktar serji, ghalkemm forsi mhux tragici. Il-Qorti ghalhekk tifhem li l-omm ghandha din ir-riluttanza ghall-access bi ‘sleepover’ versu l-minuri. Madankollu, mill-istess provi rrisulta wkoll li l-missier u l-minuri jgawdu minn relazzjoni tajba hafna bejniethom, u l-Qorti hi tal-fehma li din tista’ tissahhah aktar billi l-missier jkollu lil bintu ghal lejl wiehed fi tmiem il-gimgha. Dan hu anke rifless fir-rapport li d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal esebit fl-atti, fejn gie rakkomandat li l-konvenut jkollu ‘sleepover’ wahda fix-xahar, sakemm il-minuri tidra din iz-zieda fil-hin tal-access. Dan is-‘sleepover’ jizdied minn zmien ghal zmien hekk kif jindara mill-minuri.

**<u>Kura w kustodja</u>**

Kwantu ghall-kura w kustodja tal-istess minuri, hawnhekk il-Qorti taqbel mal-attrici, u sejra ghalhekk taghtiha l-kura w kustodja esklussiva tat-tifla. Irrisulta mill-provi li l-konvenut kien reticenti hafna fid-dikjarazzjoni tad-dhul veru tieghu. Il-Qorti hadet l-impressjoni li hu halla l-pika mal-attrici teghleb is-sens ta’ dover lejn bintu, haga li ma messux ghamel. M’ghandux ghalfejn joqghod jaghmel hajjet l-attrici difficli semplicement biex jinki jew ipatti. Il-konvenut

ghandu joghla ‘l fuq minn din l-attitudni infantili, u jara l-gid ta’ bintu qabel kollox. Il-Qorti, fil-fatt, tirrimarka li lejn it-tmiem tas-smigh tal-kawza, giet infurmata li s-sitwazzjoni bejn il-partijiet kienet ikkalmat hafna. Dan jawgura tajjeb ghall-futur tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti theggeg liz-zewg partijiet iwarrbu d-differenzi ta’ bejniethom u jaghtu aktar kaz tal-bzonnijiet tal-minuri.

**Manteniment**

Fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas manteniment fis-somma ta’ €300 fix-xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ta’ sahha w edukazzjoni. Dan l-ammont, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jibqa’ jghodd anke fis-sentenza, izda ghandu joghla ghal €350 fix-xahar meta l-minuri taghlaq l-eta’ ta’ tnax-il sena (12), u jerga’ joghla ghal €400 fix-xahar meta t-tifla taghlaq tmintax-il sena (18) jekk hi tibqa’ tistudja fuq bazi ‘full time’ u ma jkollhiex impieg fiss ‘full time’. Il-Qorti ma kienet xejn konvinta mid-dhul suppost mizeru tal-konvenut. Anke missieru stess, li jimpjega lil ibnu, ma kienx jaf kemm jaqla’ flus it-tifel tieghu. Il-Qorti tiddeplora bis-shih lil min jipprova jahbi d-dhul tieghu biex minghalih qed jaghmel xi dispett lejn omm bintu, meta fil-fatt ikun qed jonqos biss lil bintu stess. Ghalhekk il-manteniment qed jigi determinat fl-ammont hawn fuq indikat.

**Arretrati**

L-attrici titlob li jigu likwidati l-arretrati ta’ manteniment li l-konvenut naqas milli jhallas ghal bintu. Madankollu huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-konvenut ghamel zmien ihallas €150 fix-xahar, somma li zgur mhix bizzejjed ghat-trobbija ta’ wild. Dan baqa’ jithallas sa Dicembru 2017, meta l-konvenut waqaf ihallas manteniment. Wara Settembru 2018, meta hareg l-ewwel digriet ta’ manteniment, il-konvenut beda jhallas regolarment. Ghal dawk l-ghaxar xhur li l-konvenut ma

hallasx manteniment, bejn Dicembru 2017 u Settembru 2018, il-Qorti sejra tillikwida arretrati ta' €200 fix-xahar, li jammontaw ghal €2,000. Il-Qorti ghalhekk mhix sejra tillikwida l-arretrati kollha kif mitluba mill-attrici, izda sejra tillimita dan ghal dawk ix-xhur fejn il-konvenut ma kien hallas xejn.

Inoltre, l-attrici qed titlob ukoll li l-konvenut ihallas arretrati ta' spejjez inkorsi ta' sahha w edukazzjoni, skond kif indikat minnha. Hi tghid li bejn Dicembru 2017 u Settembru 2018 nefqet €363.32, li nofs dak l-ammont jigi €181.93. Wara dik id-data, hi kellha spejjez ohra ammontanti ghal €366.25, li nofshom jigu €183.13, li minn dawn thallsu €126.48, li ghalhekk fadal bilanc ta' €56.65. Illi ghalhekk, l-arretrati ta' spejjez jammontaw ghal €181.93 u €56.65, total ta' €238.58. B'dan il-mod, il-konvenut huwa debitur tal-attrici fis-somma ta' **€2,238.58** rappresentanti arretrati ta' manteniment u ta' spejjez.

**Access**

L-access kif suggerit mill-attrici fis-sottomissjonijiet taghha, b'xi zidiet indikati mill-istess konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu, qed jigu hawn riprodotti sabiex jigu inkorporati fis-sentenza. Il-Qorti tirrepeti li l-konvenut ghandu jgawdi minn 'sleepover' wahda fix-xahar mal-minuri, sakemm dan jizdied ghal wiehed aktar frekwenti minn zmien ghal zmien, hekk kif il-minuri tadatta ghal dan l-access.

Fix-Xitwa:

Kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4:00pm u s-7:00pm

Fil-weekend darba s-Sibt u darba l-Hadd bejn l-10:00am u s-7:00pm

Fis-Sajf

Kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn is-2:00pm u t-8:00pm

Fil-weekend darba s-Sibt u darba l-Hadd bejn id-9:30am u s-7:30pm

Il-Milied u l-Ewwel tas-Sena

L-Ewwel Sena :

Nhar l-24 ta' Dicembru bejn it-3:00pm u t-8:00pm;

Nhar l-1 ta' Jannar bejn id-9:00am u l-5:00pm.

It-Tieni Sena :

Nhar il-25 ta' Dicembru bejn id-9:00am u l-5:00pm;

Nhar il-31 ta' Dicembru bejn it-3:00pm u t-8:00pm.

Fil-weekend ta' Jum l-Omm – l-access tal-intimat ikun dejjem nhar ta' Sibt.
Fil-weekend ta 'Jum il-Missier – l-access tal-intimat ikun dejjem nhar ta' Hadd.

L-Ghid :

Fl-ewwel sena Sibt il-Ghid, mill-10:00am sas-7:00pm;

Fit-tieni sena Hadd il-Ghid mill-10:00am sas-7:00pm .

F'gheluq snin il-partijiet – il-minuri tqatta' l-jum mal-genitur li jkun qieghed jiccelebra gheluq sninu, b'dan illi l-intimat ikollu access mit-3:00pm sas-7:00pm jekk ikun jum ta' skola u mill-10:00am sas-7:00pm jekk jinzerta fil-weekend . F'jum gheluq snin l-esponenti , jekk ikun hemm access , jintilef u jigi sostitwit b'jum iehor.

F'gheluq snin il-minuri, l-access mal-missier ikun mid-9:00am sas-2:00pm fl-ewwel sena u mit-3:00pm sat-8:00pm fis-sena ta' wara , u jibqa' jalterna.

Fil-vaganzi tal-Karnival u ta' Novembru – l-intimat ikollu access f'jum minnhom mill-10:00pm sas-7:00pm, jew mid-9:00am sas-6:00pm , lof inhu ahjar ghall-minuri.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri CFC tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiffissa granet u hinijet li fihom il-konvenut ghandu jezercita access a favur il-minuri C kif deskritt aktar qabel fis-sentenza.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi kull beneficcju socjali u / jew ghajnuna socjali li jistghu jkunu talvolta dovuti jkunu pagabbli esklussivament lill-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenut sabiex jivversa manteniment fiss ta' €300 fix-xahar ghal bintu l-minuri, li jinkludi sehmu mill-ispejjez ordinarji u straordinarji ta' sahha u edukazzjoni, liema manteniment joghla hekk kif deskritt fis-sentenza.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna lill-intimat ihallas arretrati ta' manteniment u ta' spejjez inkorsi fis-somma ta' €2,238.58 kif deskritt aktar qabel.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba, stante d-decizjoni mehuda skond ir-raba' talba.

7. Tilqa' s-seba' talba u tordna illi l-manteniment akkordat jithallas permezz ta' 'standing order' f'kont bankarju tal-attrici.

8. Tilqa' t-tminn talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika u ggedded il-passaport tal-minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-intimat.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Imhallef

Onor. Anthony G Vella

Cettina Gauci- Dep Reg